MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-23 ta' April, 2013

Numru. 202/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nadia Lanzon)**

**vs**

**ANTOINE (SIVE DAVID) MONSIGNEUR**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ANTOINE (SIVE DAVID) MONSIGNEUR,** ta' 31 sena, iben Joseph u Josephine imwielda Bugeja, imwieled Pieta', fit-12 ta' Jannar 1971, residenti 25, Triq il-Gardiel, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 49071(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fit-12 ta' Marzu 2002 f'Hal Far ghal habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu waqt li kien fil-Grazzja Garaxx volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe' karozza No TFD 594 tal-ghamla Kia

Clarus, kif ukoll Towtruck No MET 002 liema hsara tammonta ghal aktar minn elf lira Maltin ghad-dannu ta' Saviour Attard, ir-Registratur tal-Qorti ta' Malta, u persuni ohra.

Barra minn dan fl-istess cirkostanzi; hedded illi impjegati tal-Grazzja garaxx u l-marixxal tal-Qorti.

U aktar talli b'dawn ic-cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 152, imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fit-8 ta' Frar, 2000.

Il-Qorti giet mitluba mill-Prosekuzzjoni sabiex titratta mal-hati bhala ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba mill-Prosekuzzjoni sabiex tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 ghas-sigurta' ta' diversi persuni.

Rat il-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-fedina penali tal-imputat li giet immarkata bhala Dok L1, stqarrija tal-imputat li giet immarkata bhala Dok. NF, il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja li gie mmarkat bhala Dok. NF1, vettura esebita formalment li giet immarkata bhala Dok. NF2 u bicca hadida li giet immarkata bhala Dok. NF3.

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-2 ta' April 2002 il-Qorti kienet innominat lil Joseph Zammit bhala Espert Tekniku sabiex jaghmel stima tal-hsarat fuq il-vettura in kwistjoni.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni fosthom lill-Ufficjal Prosekutur **l-Ispettur Nadia Lanzon** nhar it-2 ta' April 2002. Hija iddikjarat illi fit-12 ta' Marzu 2002 ghal habta tal-hdax ta' filghodu kienu rcevew telefonata minn Marlene Vella minn Tal-Grazzja Garage, Industrial Estate, Hal Far fejn din informathom li kien hemm glieda fil-garaxx u talbet l-ghajnuna tal-pulizija. Meta l-pulizija marret fuq il-post sabet zewg marixxalli tal-Qorti certu Carmelo Xuereb u Joseph Abela li kellhom Mandat ta' Qbid li kellhom jesegwixxu fuq il-vettura tal-ghamla Kia Clarus TFD 594.

Prezenti kien hemm ukoll Francis Cremona u John Vella bit-*tow truck*. Dan il-Mandat ta’ Qbid kien hareg mill-Qorti Civili Prim’Awla mill-Imhallef Carmelo Farrugia Sacco datat 28 ta’ Frar 2002 fuq rikors ta’ Saviour Attard.

L-Ufficjal Prosekutur spjegat li meta l-karozza kienet qed tigi ittowjata kienu marru David Monsigneur li huwa l-imputat odjern, Penelope Attard, Martin Tabone u Mario Farrugia. Kif l-imputat ra li l-karozza kienet ittowjatha huwa irrabja u hedded lil John Vella li kien qed jittowja l-karozza u qallu biex ma jittowjahiex u fl-istess hin hedded ukoll lil Marlene Vella. Meta ra li l-karozza kienet se tibqa’ tigi ittowjata, qabad bicca hadida u beda jaghti daqqiet fuq din il-karozza Kia Clarus. Huwa beda jsostni li din il-karozza hija tieghu u li hadd ma kellu dritt jehodha.

Dak il-hin giet imsejjha l-ghajnuna u marru fuq il-post il-pulizija tal-mobile  numru PC 850 u PC 1335 li hargu lill-imputat barra mill-garaxx. Wara dan, huwa rikeb il-karozza tieghu li kienet ipparkjata barra, dahal fil-garaxx u bil-karozza tieghu baqa’ diehel gol-karozza Kia Clarus ghal darbtejn jew tliet darbiet. Minhabba f’hekk ikkawza diversi hsarat fuq din il-karozza Kia Clarus li kienet ghadha kemm giet irrangata kif ukoll hsarat fuq it-*tow truck* tan-numru MET 002 kif ukoll l-Iskoda tieghu stess, pero’ hadd ma wegga’.

Hija spjegat li l-imputat Monsigneur u Penelope gew mehuda l-ghassa ta’ B’Bugia ghal iktar investigazzjonijiet. Wara hija marret fuq il-post, rat ix-xena u gew imsejjhin is-SOCO u ttiehdu ritratti tal-vetturi. Ftit hin wara Saviour Attard mar fuq il-post u stqarr li din il-karozza kienet tieghu pero’ hu kien sellifha lin-neputi tieghu certu Jason Azzopardi maghruf bhala s-Sufu li dan kien qed isellifha lill-imputat u kien ukoll bieghilu pero’ hu sostna li dan sar minghajr ma hu ma kien jaf u stqarr li l-karozza kienet licenzjatha f’ismu.

Meta l-imputat gie mitkellem u nghata l-*caution* huwa iddikjara li l-karozza kien hallasha billi hallas xi ghoxrin elf lira Maltin lis-Sufu b’pagamenti fix-xahar. Pero’ ma kienx lahaq ghamel it-transfer tal-karozza fuq ismu billi Jason

Azzopardi kien gie maqtul. Il-pulizija skoprew ukoll li kienu jezistu zewg settijiet ta’ number plates, l-originali kienu ghand l-imputat u par godda kienu ghand Saviour Attard. Saviour Attard fil-fatt kien spjega li hu hin minnhom kien mar ghand tal-garaxx u gab in-number plates originali minn fuq il-karozza. Huwa kien hadhom ghandu pero’ dakinhar stess kien halla l-karozza tieghu ipparkjata Rahal Gdid u kif mar lura sab li dawn kienu nsterqu kemm in-number plates u d-dokumenti tal-karozza. Wara dan huwa kien mar l-ufficju tal-licenzji u talab sabiex johorgulu sett gdid.

Minn naha tieghu l-imputat qal illi hu kien iggaraxja l-karozza Kia Clarus bin-numri fil-garaxx ta’ Hal Far biex tigi rrangatha, pero’ wara certu zmien kien skopra li n-numri kienu gew mehuda minghand Saviour Attard. Sussegwentement l-imputat mar ghand Saviour Attard, talabhomlu u hadhom minghandu.

**Dr Chris Busietta** xehed fit-2 ta’ April 2002 fejn esebixxa kopja legali tal-log book tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni TFD 594 tal-ghamla Kia Clarus li tindika li l-vettura hija registrata f’isem Saviour Attard. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dokument KC. Gie ezebit ukoll kopja tal-Mandat ta’ Qbid mahrug mill-Imhallef Farrugia Sacco li gie immarkat bhala Dokument KC1 li huwa datat 28 ta’ Frar, 2002.

**PS 359 Carmelo Abdilla** xehed fit-2 ta’ April 2002 fejn iddikjara li fit-12 ta’ Marzu 2002 fil-hdax ta’ filghodu waqt li kien stazzjonat fl-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun ircieva telefonata illi gol-garaxx maghruf bhala ‘*Tal-Grazzja*’ kienet qed issehh glieda bejn l-imputat u s-sid tal-istess garaxx. Huwa kien gie mitlub sabiex jaghti l-assistenza tieghu.

Sussegwentament huma kienu marru fuq il-post u barra sabu lill-imputat David Monsigneur. Mill-investigazzjoni li ghamel ix-xhud irrizulta li l-imputat kellu xi kwistjoni gewwa l-garaxx dwar il-vettura allegatament tieghu u ghalhekk huwa talab assistenza lill-pulizija ta’ B’Bugia u marru wkoll il-pulizija tal-mobile.

Fuq il-post irrizulta li l-imputat dahal biex jiehu l-karozza tieghu li dak il-hin kienet diga' qieghda fuq it-*tow truck* fuq ir-roti ta' quddiem biex tigi ittowjata. L-imputat dahal fil-karozza tieghu u dak il-hin marru il-pulizija tal-mobile li hadulu c-cwievet minn idejh u hu nizel mill-karozza, qabad hadida li kienet fuq il-bank (Dok NF3) u faqa' l-hgiega ta' wara tan-naha tal-lemin ta' din l-istess vettura kif ukoll ta xi daqqiet madwar din l-istess vettura. Sussegwentement il-pulizija hargitu l-barra mill-garaxx izda l-imputat qabad il-karozza tieghu tal-ghamla Skoda u baqa' diehel fuq il-vettura bil-pulizija u ghamel diversi hsarat fuq it-*tow truck* kif ukoll fil-vettura u rrizulta li kemm l-imputat kif ukoll Saviour Attard li qieghed jghid li huwa sid il-vettura tal-ghamla Kia Klarus TFD 594 irrizulta li kellhom zewg number plates ta' din l-istess vettura.

Ix-xhud sostna li l-imputat allega li l-vettura kienet tieghu u kellu n-*number plates* mwahhla fuq il-vettura dak il-hin waqt li Saviour Attard kellu par pjanci ohra mhux imwahhla fuq il-vettura li kienu godda. Iz-zewg settijiet ta' pjanci kellhom assigurazzjoni registrata f'isimhom rispettivament. Ix-xhud spjega li huma hadu l-imputat l-ghassa u kompliet bl-investigazzjoni l-Ispettur Lanzon. Huwa esebixxa kopja tar-rapport li gie mmarkat bhala dokument CA.

**Carmelo Xuereb** xehed fit-2 ta' April 2002 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' marixxal mal-Qrati ta' Malta. Huwa stqarr illi fit-12 ta' Marzu 2002 huwa kien mar sabiex jesegwixxi Mandat ta' Qbid mahrug mill-Imhallef Farrugia Sacco mahrug kontra Anthony Vella sabiex jaqbad vettura tal-ghamla Kia Clarus bin-numru ta' registrazzjoni TFD 594 ta' kulur ahdar metallic li kienet tinsab fl-indirizz Tal-'Grazzja Garage', Industrial Zone, Hal Far. In segwitu ta' dan il-mandat huwa mar fuq il-post indikat lilu sabiex jesegwixxi dan il-mandat. Ix-xhud tenna li huwa esegwixxa dan il-Mandat ta' Qbid numru 456/00 u halla l-karozza f'idejn il-kunsinnatarju Francis Cremona ta' 53, Wied is-Sewda, Hal Qormi u nfurmahom li l-karozza sejra tkun fl-inidirizz 53, Valley Road, Qormi.

Ix-xhud kompla jghid li meta kienu fl-istabbiliment in kwistjoni kien hemm mieghu marixxal iehor Guzi Abela. Fuq it-telefon kienu marru id-debitur Marlene Vella li kienet qed tigi mhedda fuq it-telefon u hemm huwa talab ghall-assistenza tal-pulizija pero' fl-ebda hin hadd ma kellmu jew heddu *(sottolinejat minn din il-Qorti).* Meta huma kienu telqu minn fuq il-post regghu cemplulhom u qalulhom li l-imputat kien wasal fuq il-post. Dak il-hin kien hemm il-pulizija. Huma regghu marru fuq il-post u sabu lill-imputat jitkellem mal-ufficjali tal-pulizija. Waqt li kienu hemm ix-xhud ra lill-imputat ikisser il-vettura in kwistjoni. L-ewwel kisser il-hgiega b'xi haga iebsa f'idejh u wara dahal fuqha bil-karozza tieghu stess. L-imputat beda jghid li l-vettura in kwistjoni Kia Clarus kienet tieghu u mill-garaxx ma tohrogx.

**Guzi Abela** xehed fit-2 ta' April 2002 fejn iddikjara li huwa jiftakar li fit-12 ta' Marzu 2002 huwa kien mar sabiex jassisti lill-Marixxal Carmelo Xuereb biex jezegwixxi Mandat ta' Qbid mahrug mill-Imhallef Farrugia Sacco fuq vettura tal-ghamla Kia Clarus gewwa l-istabbiliment Tal-Grazzja garage go l-Industrial Estate, Hal Far. Huwa kien mar fuq il-post in kwistjoni sabiex jesegwixxi dan il-Mandat ta' Qbid numru 456/02.

Huwa spjega li meta kienu fil-post in kwistjoni raw lill-imputat odjern ikisser il-vettura permezz ta' xi haga iebsa li kellu f'idejh. L-imputat kien beda jallega li l-karozza in kwistjoni kienet tieghu u li mill-garaxx ma tohrogx. Ix-xhud qallu biex jikkalma pero' wiegbu li l-vettura kienet tieghu u li hu jaghmel li jrid biha.

**PS 850 Simon Buttigieg** xehed fit-2 ta' April 2002 fejn iddikjara li huwa jiftakar li fit-12 ta' Marzu, 2002 ghal habta tal-hdax ta' filghodu kienu gew mitluba mill-*control room* biex jaghtu assistenza gewwa l-garaxx Tal-Grazza, Industrial Estate, Hal Far peress li kien hemm xi glieda ghaddejja. Meta marru fuq il-post sabu lill-imputat odjern li kien hiereg mill-vettura tieghu u gera lejn il-karozza tal-ghamla Clarus li kienet diga qed tigi migbuda mit-*tow truck* u dahal fiha u pprova jistartja. Huma marru fuqu u hadulu c-cwievet u hu hareg mill-vettura b'haga iebsa

f'idejh kisser il-hgiega ta' wara u ghamel daqqiet ohra fuq il-vettura in kwistjoni. Sussegwentement huma harguh minn gol-garaxx u dahal go Skoda, saq u baqa' diehel go l-vettura tal-ghamla Kia Clarus. Ix-xhud rega' hataflu c-cwievet tal-iSkoda u harguh il-barra.

**PS 1335 Duncan Schembri** xehed fit-2 ta' April 2002 fejn iddikjara li huwa jiftakar li fit-12 ta' Marzu, 2002 ghal habta tal-hdax ta' filghodu kienu rcevew telefonata mill-*control room* illi membri ta' 'Tal-Grazzja Garage' xtaqu l-assistenza taghhom. Huwa mar fuq il-post flimkien ma' PS 850 Simon Buttigieg fejn raw lill-imputat qed jipprova jsuq karozza tal-ghamla Kia Clarus waqt li din kienet fuq it-*tow truck*.

Ix-xhud spjega li s-surgent PS 850 qabad c-cavetta minn idejn l-imputat. Sussegwentement l-imputat hareg mill-karozza, dahal f'karozza ohra tieghu tal-ghamla Skoda u saq ghal fuq din l-istess Kia Clarus. Ix-xhud ra wkoll illi l-imputat qabad xi haga iebsa f'idejh u biha kisser il-hgiega ta' wara tal-vettura Kia Clarus u ta xi daqqiet ohrajn. L-imputat beda jsostni li Attard ma kienx qed jiehu l-karozza peress li l-karozza in kwistjoni kienet tieghu.

**Marlene Vella** xehdet fit-2 ta' April 2002 fejn iddikjarat li hija tigi bint is-sid tal-garaxx maghruf bhala 'Tal-Grazzja Garage', Haz-Zabbar. Hija ftakret li fit-12 ta' Marzu 2002, waqt li kienet fil-garaxx taghhom gewwa l-Industrial Estate, Hal Far, kien mar l-imputat u beda jghajjat u jghid li l-vettura tal-ghamla Kia Clarus hadd ma kien se jmissha mill-garaxx ghax kienet tieghu. Il-karozza kienet diga' merfugha fuq it-*tow truck*. L-imputat dahal fil-vettura Kia Clarus biex isuqha u jitlaq biha. Dak il-hin il-pulizija hadulu c-cwievet mill-karozza biex ma jsuqhiex u hu nizel mill-karozza, qabad xi haga iebsa u cioe' CV joint li kien fuq bank, kisser il-hgiega tal-vettura Kia Clarus u wara li ta daqqiet ohra biha mar jigri fil-karozza tieghu tal-ghamla Skoda u dahal fuq il-karozza Kia Clarus b'din l-istess Skoda.

Ix-xhud sostniet li l-imputat qalilha diskors li <u>huma ma helsuhiex minn ghandu</u> *(sottolinejat minn din il-Qorti).*

Hija fl-ebda hin ma rat lill-imputat ikellem lill-marixxalli ghax hu beda jghajjat b'mod generali biss *(sottolineat minn din l-Qorti)*. L-imputat kien ha il-karozza fil-garaxx ghat-tiswija ghax kellu xi incident biha. Ix-xhud spjegat li meta l-karozza kienet fil-garaxx taghhom, kien mar Saviour Attard u ha n-number plates tal-vettura u beda jallega li l-karozza kienet tieghu. Hija iddikjarat li dejjem taf lil David Monsigneur bhala sid il-vettura. Il-marixxalli li marru fuq il-post qalu lix-xhud li huma kienu marru sabiex jesegwixxu mandat ta' qbid fuq il-vettura in kwistjoni allegatament proprjeta' ta' Saviour Attard.

Ix-xhud stqarret li dakinhar filghodu kien cemplilha David Monsigneur u hi qaltlu li kienet se tkellem lill-avukat taghha qabel ma tirrilisja l-vettura in kwistjoni peress li kienet giet notifikata bil-mandat ta' qbid u hi kellha ccempillu lura lil Monsigneur. Hija pero' ma setghetx taqbad lill-avukat b'xejn u David Monsigneur rega' cemplilha u qalilha li kien ser imurjigbor il-karozza dak il-hin. Waqt li kienet ghadha fuq it-telefon dahal il-marixxal u ghalhekk qalet lill-imputat li kien ghadu kemm dahal il-marixxal biex jeleva l-karozza in kwistjoni. Monsigneur qalilha biex ma taghtihielux, li l-vettura kienet tieghu u li hadd ma kien se jmissha izda hi wegbitu li ma setghet taghmel xejn peress li kellha ordni tal-Qorti. Dak il-hin stess qata' l-linja u mar fuq il-post.

Ix-xhud qalet li l-marixxall talab l-assistenza tal-pulizija u kif ukoll cemplu lil tat-*tow truck* biex jigi jigbor il-karozza. Huma qaghdu jistennew u wara waslu l-pulizija u sakemm mar biex tigi ttowjatha l-karozza, wasal David. Dakinhar stess wara nofsinhar kien cemplilhom David Monsigneur u qalilhom li kien hassar il-*claim* u li ma kinux se jithallsu mill-assigurazzjoni. Hija sostniet illi waqt li kien hemm l-agha ghaddej, dar fuqhom l-imputat u qalilhom li huma kienu ghadhom ma helsux minnha l-affari *(sottolineat minn din il-Qorti).* Ix-xhud qalet illi meta Saviour Attard f'Jannar kien mar fl-ufficju taghhom, kien urihom xi karti li tindika li l-vettura in kwistjoni kienet fuqu.

**Francis Cremona** xehed fit-2 ta' April 2002 fejn iddikjara li huwa kien mar mal-marixxalli fit-12 ta' Marzu 2002 Hal

Far biex jassisti lill-marixxalli jesegwixxu Mandat ta' Qbid fuq il-vettura TFD 594 tal-ghamla Kia Clarus. Ix-xhud kien qabbad lil Johnny Camilleri tal-Mile End garage bhala persuna sabiex tigi televa l-vettura in kwistjoni bit-*tow truck* taghha. Huwa spjega li kien qabdu certu Salvu Attard u sussegwentement kien cempillu l-Marixxal biex imorru flimkien b'karozza wahda.

Ix-xhud kien mar fuq il-post in kwistjoni u beda jeleva l-karozza tal-ghamla Kia Clarus. Meta x-xhud ra l-karozza tal-marka Kia Clarus imtella' bir-roti ta' quddiem, mar l-imputat u dahal go fiha u pprova jistartjaha sabiex jitlaq lil hemm biha. Sussegwentement ra lill-pulizija jiehdu c-cwievet mill-karozza u ra lill-imputat jinzel minnha u jiehu bicca ingenja li kien hemm u kisser il-hgiega ta' wara kif ukoll ta xi daqqiet ohra fuq din l-istess vettura. Sussegwentement ix-xhud ra lill-imputat jidhol gol-vettura Skoda u jahbat ghal din il-vettura. Sa fejn kien jaf ix-xhud, Saviour Attard huwa sid il-vettura tal-ghamla Kia Clarus TFD 594. Fil-prezenza tax-xhud l-imputat ta xi daqqiet jew tlieta lill-vettura Kia Clarus bil-vettura l-ohra Skoda. Ix-xhud spjega li ma kienx vicin hafna u ghalhekk ma setax jghid jekk semghax theddid jew le *(sottolinear ta' din il-Qorti).*

**Johnny Camilleri** xehed fit-2 ta' April 2002 fejn iddikjara li huwa s-sid tat-*tow truck* in kwistjoni li kien involut f'incident nhar it-12 ta' Marzu 2002. It-tow truck taghhom igib in-numru tar-registrazzjoni MET 002. Huwa spjega li peress illi kienet giet maqbuza karozza minn fuqu, it-truck sofra xi danni konsistenti fil-mekkanizmu tat-*tow bar* liema danni jammontaw ghal tliet mija u ghoxrin lira Maltin u dan kif jirrizulta mill-istima li esebixxa u li giet immarkata bhala Dok CA1.

**Saviour Attard** xehed fit-2 ta' April 2002 fejn iddikjara li huwa kien xtara l-karozza in kwistjoni tal-ghamla Kia Clarus minghand id-dealer maghruf bhala tal-Easy Sell u dan permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Gunju 1999 liema kuntratt gie esebit u mmarkat bhala Dok CSH. F'dan il-kuntratt huwa kellu jaghmel diversi pagamenti mensili permezz ta' kambjali izda minflok huwa hallas cash minn

somma flus li kien ircieva mill-Awstralja. Huwa esebixxa ircevuta li giet immarkata bhala Dok. CSH1. Ix-xhud esebixxa wkoll ircevuta li turi li l-karozza in kwistjoni hija mhallsa u din giet immarkata bhala Dok CSH2.

Ix-xhud spjega li huwa kellu jaghmlilha xi *alterations* fil-pedala tal-karozza peress li riedha ghal *disabled*. Ghalhekk huwa halla din il-karozza fil-garaxx tat-tifel t'ohtu u cioe' Jason Azzopardi, Bormla, xtralha *cover* u halliha hemm. Ikkonferma li huwa kien issellef is-somma ta' tmien mitt lira minghand Jason Azzopardi u li kien ser ihalsu lura f'pagamenti u kien ghalhekk li halla l-karozza tieghu ghandu bhala garanzija tal-hlas li kellu jaghmel, u tenna li kien ghad fadallu jaghtih xi mitt lira. Huwa esebixxa kopja ta' dawn il-kambjali li gew immarkati bhala Dok CSH 3.

Ix-xhud qal illi waqt li l-karozza tieghu kienet ghand Jason Azzopardi, jaf li l-imputat ghamel xi zmien isuqha. Tant hu hekk li kien habat biha f'nofs ta' triq u hallielu l-karozza tant li gew ifittxuh il-pulizija. Il-karozza kellha hsara estensiva u kellu jmur ghand Ta' Kandja biex jirtira l-vettura. Ix-xhud esebixxa kopja mahruga mill-pulizija li tindika li l-vettura giet rilaxxata minn Ta' Kandja u moghtija lilu li giet immarkata bhala Dok CSH 4. Il-karozza rega' zammielu Jason peress li kien ghadu ma hallsux u halef li ma kien se jaghtiha lil hadd. Ix-xhud sar jaf li l-imputat rega' beda jsuq u minhabba dan l-inkwiet sostna li qabditu *depression*.

Huwa spjega li meta miet Jason huwa ried imur jigbor il-karozza u mar ghand l-avukat tieghu u kiteb zewg ittri li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok CSH 5 u Dok CSH 6 u peress li irrizulta li ma seraqhiex ghax kienet giet moghtija lilu mit-tifel t'ohtu u ma setghu jaghmlu xejn. Wara qalulu li l-karozza kienet ghand 'Tal-Grazzja' peress li kellha daqqa u kienet qieghda tissewwa. Ix-xhud iccekkja ma' tal-assikurazzjoni u tahom in-numru u d-dettalji taghha u kkonfermawlu dan u qalulu li kienu sejrin jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez. Il-vettura damet hemm xi erba' xhur. Ix-xhud imbaghad qabbad lill-avukat biex il-vettura tieghu ma tohrogx minn hemm, ghamel mandat u l-vettura baqghet

hemm. Huwa ma kienx prezenti waqt l-incident in kwistjoni.

**Joseph Zammit** xehed fit-13 ta' Mejju 2002 fejn iddikjara li huwa kien gie nominat b'digriet tal-Qorti sabiex jezamina l-vettura tal-ghamla Kia Clarus li kienet minghajr numru tar-registrazzjoni. Huwa prezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok JZ. Il-vettura kellha hsara estensiva u skont l-istima tax-xhud tammonta ghal Lm1,336.00. Il-vettura sofriet din il-hsara b'mod volontarju meta giet marsusa bejn karozza u ohra. Il-hgiega fuq in-naha tal-lemin ta' wara setghet ma gietx miksura bl-istess incident tal-hsarat l-ohra u dan peress li l-hgieg kien kollu mxerred fuq il-parti ta' wara fuq in-naha tax-xellug tal-istess vettura.

Rat ir-relazzjoni tal-Espert Tekniku Joseph Zammit li giet prezentata fit-13 ta' Mejju 2002 fejn wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

*1. "Illi b'digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-8 t'April 2002, moghti lill-esponent mill-Magistrat Sedenti l-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D., l-esponent spezzjona u ezamina vettura in konnessjoni mal-atti ta' dina l-kawza.*
*2. L-esponent spezzjona din il-vettura fejn tinsab mizmuma fil-Police Compound ta' St. Andrews.*
*3. Illi din il-vettura hija dik tal-marka Kia Cleros minghajr numri ta' registrazzjoni imma bix-chasis number jaqra KNEGC2233X5250296.*
*4. Illi fuq din il-karozza tinsab hsara konsiderevoli fuq il-genb tal-lemin taghha u fuq il-parti frontali ta' quddiem taghha.*
*5. Illi din il-hsara tidher li giet ikkagunata b'daqqiet ta' vettura ohra fuq l-imsemmi genb.*
*6. Illi l-hsara li tinsab fuq il-hgiega ta' wara, it-tkissir tal-hgiega taghha, ma huwiex kompatibbli mal-hsara li tinsab fuq il-genb.*
*7. Illi t-tkissir ta' din il-hgiega jinsab imxerred fuq il-passenger seat ta' wara lejn ix-xellug. Din setghet giet imkissra b'daqqa jew daqqiet b'xi oggett iebes fuqha.*

*8. Illi din il-hsara li nstabet biha din il-vettura hija ta’ natura riparabbli.*
*9. Illi sabiex tissewwa din il-hsara tenhtieg spiza li tlahhaq mal-elf tlett mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (LM 1,326).”*

**PC 1525 Patrick Farrugia** xehed fit-13 ta’ Mejju 2002 fejn iddikjara li huwa kien ircieva struzzjonijiet mill-ispettur Nadia Lanzon biex jaccedi fil-fond maghruf bhala ‘Tal-Grazzja Garage’ gewwa Hal Far. Hemmhekk huwa sab lill-ispettur flimkien ma’ xi ufficcjali ohra tad-distrett fosthom is-Supretendent Angelo Baldacchino. Ix-xhud kien gie indikat vettura Kia Clarus li kienet minghajr numri u vettura ohra tal-ghamla Skoda b’lewn ahmar. Ix-xhud gibed sittax-il ritratt ta’ dawn iz-zewg vetturi u l-ambjenti taghhom u ezebihom go envelop kannella li gew immarkati bhala Dok. PC.

**Brian Farrugia** xehed fit-13 ta’ Mejju 2002 fejn iddikjara li huwa kien gie mitlub biex jaghmel ricerka fuq vettura tal-ghamla Kia Clarus bin-numru tar-registrazzjoni TFD 954. Huwa spjega li din tghajjat lil Saviour Attard ta’ Flat 3, 22, Triq il-Foss, Birgu u dan b’effett mit-30 ta’ Gunju, 1999. Ix-xhud tenna illi minn Gunju lil hawn ma kienx hemm transfer tal-karozza in kwistjoni.

**Charles Muscat** xehed fit-13 ta’ Mejju 2002 fejn iddikjara li huwa jahdem gol-fond maghruf bhala ‘Tal-Grazzja Garage’ u ilu jahdem hemm ghal perjodu ta’ tliet snin. Huwa jiftakar li fit-12 ta’ Marzu 2002 waqt li kien go dan il-garaxx inqala’ xi incident u kien hemm involuta vettura tal-ghamla Kia Clarus. Huwa ra li l-karozza Kia Clarus kienet imkissra ghax dahlet karozza go fiha minn wara. Fil-fatt kien l-imputat odjern li dahal fil-karozza Kia Clarus billi dahal f’karozza hamra. Sussegwentement ix-xhud telaq fuq break.

**Penelope Borg** xehdet fit-13 ta’ Mejju 2002 fejn iddikjarat illi tiftakar li fit-12 ta’ Marzu 2002 hija kienet fil-kumpanija tal-imputat ghax filghodu rikbet mieghu biex imorru jiehdu l-karozza peress li Tal-Grazzja Garage qalilhom li setghu

jigbru l-karozza. Meta marru sabu li l-vettura in kwistjoni kienet fuq *tow truck* u kien se johodha certu Frans Cremona. Hija spjegat li Saviour Attard jigi missier il-mara ta' Frans Cremona. L-imputat dak il-hin tfixkel ghax kienu ilhom jghidulu biex jitla' ghall-karozza Kia Clarus. Huwa dahal fil-vettura tieghu stess tal-ghamla Skoda u dahal fil-karozza Kia Clarus li hija wkoll proprjeta' tieghu. Hija qalet li ma tafx kif inkiser il-hgieg ta' wara. Dak il-hin imbaghad qabzuhom 'il barra.

Ix-xhud giet mistoqsija x'tip ta' hsara kien hemm fil-vetturi u hija wiegbet li ma tafx. Prezenti ghal dan l-incident kien hemm ukoll il-marixxalli tal-Qorti u Frans Cremona li kien se jiehu l-karozza, Toni tal-Grazzja, u it-tifel ta' Toni li qabad hadida ghall-imputat li jismu Brian u xi pulizija ohra.

**Aldo Spiteri** xehed fit-13 ta' Mejju 2002 fejn iddikjara li huwa jahdem ma' Tal-Grazzja Garage u ilu jahdem hemm ghal iktar minn sena. Huwa jiftakar li fit-12 ta' Marzu, 2002 huwa kien gol-garaxx qed jippolixja l-karozza u f'xi hin sema' l-ghajjat. X'hin ittawwal, ix-xhud ra ragel jaghti bil-ponn, bis-sieq u daqqiet ohra. Siehbu ghajjatlu biex imur *break* u ghalhekk mar jigbor il-basket u jaf li kien hemm karozza hamra diehla *gas down* fil-garaxx taghhom u dahlet fil-karozzza Kia Clarus li kienet qed tigi ittowjatha. Huwa qal illi l-persuna fil-karozza l-hamra hija l-imputat odjern.

**L-Ispettur Stephen Gatt** xehed fil-5 ta' Settembru 2002 fejn esebixxa sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona fil-25 ta' Marzu 1999 fl-ismijiet **il-Pulizija Spettur Stephen Gatt vs Antoine Monsigneur**. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok. SG. L-Ispettur gharaf lill-imputat odjern bhala l-istess persuna kontra min inghatat din is-sentenza fejn huwa kien l-ufficjal prosekutur u investigatur.

**Mario Farrugia** xehed fis-17 ta' Ottubru 2002 fejn iddikjara li huwa jaf lill-imputat. Ix-xhud spjega li huwa kien l-Imsida fejn kien hemm l-imputat u talbu pjacir biex jitla' jnizzillu l-karozza biex hu jnizzel il-karozza l-ohra u cioe' il-Kia Clarus mill-garaxx. X'hin waslu ghand Tal-Grazzja

Garage, Hal Far sabu l-Kia Clarus ittowjatha lesta. L-imputat qalilhom "*din x'bicca xoghol hi*? Ghandi tlettax-il elf lira kambjali."

Ix-xhud ikkonferma li kien hemm incident ghax ippruvaw jittowjaw il-karozza. L-imputat qalilhom li jekk ma jiehux il-karozza hu ma kien ser johodha hadd ghax kien staqsa lill-avukati u hafna surgenti u qalulu li kellu hafna drittijiet izda sab li kontra.

Mistoqsi jekk damx fuq il-post wiegeb li ma tantx dam ghax imbaghad mar jimxi ghax-xemx u x'hin mar lura sab l-iskoda gol-Clarus u ghalhekk ma kienx prezenti x'hin sar dan l-incident. Fl-iskoda kien hemm l-imputat ghalkemm kien diga' hareg minnha. Huwa ma semghax xi kliem li kien qed jinghad. L-imputat ma qal xejn lilu pero' qal li kien jaf li l-imputat kien gja nefaq tlettax-il elf lira ghal din il-vettura ghax huma kienu tkellmu qabel. Huwa sostna li dak il-hin tal-incident huwa ma ra lil hadd jaghti xi daqqiet b'xi hadida.

**PS 853 Frankie Sciberras** xehed fit-3 ta' Frar, 2003 fejn ra l-istqarrija esebita a fol 23 et seq tal-process. Huwa gharaf il-firma tieghu, dik tal-imputat u tal-ispettur Nadia Lanzon fuq kull faccata tad-dokument. Huwa spjega li qabel ma giet rilaxxata din l-istqarrija, l-imputat kien inghata s-solita twissija u l-istess imputat kien ghazel li jiffirma l-istqarrija.

**John Vella** xehed fit-3 ta' Frar, 2003 fejn iddikjara li huwa xufier tat-*tow truck* mas-socjeta' MET u ilu f'din il-kariga ghal erba' snin. Fit-12 ta' Marzu 2002 huwa kien xoghol u l-imghallem tieghu kien baghtu jittowja karozza fil-garaxx Tal-Grazzja gewwa Haz-Zabbar ghal habta tad-disgha ta' filghodu. Meta mar fuq il-post sab karozza Kia Clarus kulur beige.

Fuq il-post ix-xhud sab lil certu Frans Cremona li qallu li huwa sid il-karozza u talbu jirmunkalu l-karozza u jehodha l-Qorti. Wara li qallu li seta' jerfaghha, ix-xhud refaghha fuq it-trakk u kien hemm l-imputat odjern. Frans qal lix-xhud biex ma jitkellimx mal-imputat u huwa waqaf mix-

xoghol. Il-pulizija li kien hemm prezenti ordnalu biex ikompli bix-xoghol u f'daqqa u l-hin ra vettura Skoda 120 misjuqa mill-imputat diehla fil-vettura Kia Clarus li huwa kien qed jipprova jerfa'.

L-imputat dahal fil-Clarus darbtejn fuq in-naha tax-xufier. Ix-xhud spjega li apparti l-hsara li ghamel fil-Clarus ghamel ukoll hsara fit-trakk tal-imghallem tieghu. Ix-xhud ra lill-imputat ikisser xi hgieg tal-karozza Kia Clarus f'parti mix-shaft maghrufa bhala CV joint li kienet fl-art tal-garaxx. Una volta ra lill-imputat diehel fil-karozza, ix-xhud stahba biex ma jolqtux. Huwa ddikjara li l-hsarat li kien hemm fuq il-Kia Clarus saru mill-imputat odjern.

**Brian Vella** xehed fis-27 ta' Marzu 2003 fejn iddikjara li huwa jigi bin is-sid tal-garaxx 'Tal-Grazzja'. Huwa jiftakar li fit-12 ta' Marzu 2002 hu kien fil-garaxx u xi l-ghaxra u nofs ta' filghodu l-imputat gab karozza biex isiru xi xoghlijiet fuqha li kienet il-Kia Clarus. Xi hin mar marixxall u qabel kien cempel pulizija. Il-marixxal kien mar biex jesegwixxi mandat ta' sekwestru fuq din il-vettura u waqt li l-marixxall kien f'dan il-garaxx mar l-imputat u nqala' xi intopp. L-imputat beda jkisser il-karozza Kia Clarus u bdew izommuh il-pulizija stess. L-imputat beda jheddidhom dwar ir-responsabilita' taghhom u ta daqqiet bil-hadida lill-karozza. Sussegwentement, sgicca minn hdejn il-pulizija, dahal f'karozza ohra tal-ghamla Skoda hamra u dahal fil-Clarus biha. Sar xi diskors li l-imputat kien se jaghmel xi hruq fil-garaxx.

Ix-xhud spjega li l-karozza ma kellhiex licenzja mal-'windscreen'. L-imputat kien qal lix-xhud li huwa kien bil-vettura u habat biha u ftihem ma' missier ix-xhud u dahhluha fil-garaxx biex tissewwa. Saviour Attard kien qalilhom li l-karozza Kia Clarus hija tieghu u kien urihom xi karti dwar dan u cioe' li kienet imhallsa fuqu. Ix-xhud kien wiegbu li hu m'ghandux x'jaqsam mal-affari u biex jitlaq il-karozza minn idejh huwa kellu bzonn l-affarijiet cari.

**L-imputat David Monsigneur** xehed fit-12 ta' Mejju 2004 fejn iddikjara li huwa jiftakar li huwa kien xtara karozza tal-ghamla Kia Clarus bin-numru tar-registrazzjoni TFD 594

minghand Jason Azzopardi maghruf bhala s-Sufu. Il-karozza huwa kien xtraha ghal Lm13,422. L-ammont ta' erbgha mija u tnejn u ghoxrin lira rapprezentanti spejjez tal-kuntratt u kambjali. L-imputat qal illi huwa ghandu d-dokumentazzjoni relattiva ghal dan in-negozju. Huwa pprometta li jesebihom fis-seduta li jmiss. Huwa beda jhallas lill-bank sittin lira u fil-fatt hallas xi sitt pagamenti u wara kien baghat ghalih Jason u qallu biex jibda jhallas ghax fuq il-kuntratt kellu bit-tnax fil-mija (12%) u beda jhallas bl-istess rata ta' imghax tal-bank.

L-imputat stqarr li tliet snin wara li gab il-karozza kien baghat ghalih l-Ispettur Brian Zammit u staqsieh kif kien qed jigri b'dik il-vettura u talbu l-karti li kellu. Huwa ghaddihomlu u qallu li seta' jmur. Wara mar ghand Jason u staqsieh fuq din il-kwistjoni u wiegbu li peress li l-imputat kien ghadu ma qatax id-dejn u ghalhekk qallu biex jaqtghu sa hames snin. L-imputat spjega li biex jaghmel hekk huwa kellu jhallas mija u ghaxra flok sittin fil-gimgha. Huwa ghandu sett kambjali b'sittin il-bank u ghandu sett kambjali b'mija u ghaxra ta' Azzopardi. Jason Azzopardi kien qallu li l-karozza kien importaha fuq zijuh ghax kellha *disabled registration*. Huwa kien hallas aktar minn tliet kwarti tad-dejn u peress li kellu d-dokumentazzjoni kollha qallu li hadd ma seta' jehodhielu. Huwa spicca hallsu ta' kollox u accetta li ma jsirx it-transfer biex ma jhallsux il-hamest elef lira.

L-imputat spjega li darba huwa u jsuq inqalatlu r-rota. Huwa kien isewwi ghand Tal-Grazzja u stqarr li kien hemm zmien meta anke serquhielu u hu ghamel diversi rapporti l-ghassa fuq dan. Huwa kellu zewg accidenti wkoll. Huwa ha l-karozza Tal-Grazzja u darba cemplulu u qalulu li kien mar ghaliha xi hadd u li kien se jaghtuhielhom. L-imputat wiegbu li l-karozza minn dejjem hadha hemm u hallsu u li ma kellux dritt jaghti l-karozza. Huwa mar hemm u sab zewg marixxalli tal-Qorti li nfurmawh bl-ordni li jiehdu l-karozza. Huwa wiegeb li l-karozza hi tieghu u wriehom il-kuntratt u d-dokumentazzjoni kollha li kellu. Il-marixxall qal li ma setghux imissuha u telqu izda l-pulizija riedu jehduha b'sahha. L-imputat ma hallihomx johduha u ghalhekk kellu

karozza ohra tieghu Skoda u kisser il-Clarus biha. Huwa sostna li tieghu f'tieghu kisser.

Mistoqsi jekk ghamilx xi hsara fil-vettura Tow Truck MET-002 qal li fl-ebda hin ma ghamel hsara fiha. Darba minnhom kien cempillu Frans Cremona u qallu sabiex ihallas l-elfejn lira. Frans Cremona kellu l-karozza registrata fuqu u kien se jehodha.

Huwa tenna li kien jiffirma l-ghassa tal-pulizija l-Hamrun u kien hemm surgent li staqsieh jekk kienx involut fil-kaz tal-Clarus. Staqsieh jekk jafx lil Saviour Attard u qallu li dan Saviour Attard kien ha gurament li hadulu l-pjanci tal-karozza, log book, insurance li tghajjat lill-imputat. Effettivament dawn l-oggetti qeghdin ghand l-imputat stess. Huwa sostna li meta kien il-habs kienu sgassawlu l-bieb tad-dar u hadulu l-pjanci tal-karozza.

**PC 447 Kevin Camilleri** xehed fit-28 ta' Lulju 2004 fejn qal li jiftakar li fis-17 ta' Lulju 2004 ghal habta tas-siegha neqsin kwart ta' filghodu kien mar certu Anthony Attard l-ghassa ta' Hal Luqa u qalilhom biex jinzlu jigru l-bandli Misrah iz-Zghazagh ghax hemm siehbu u kien hemm grupp ta' guvintur li kienu qed isawtuh. Huma nizlu minnufih u hemm sabu lil David Monsigneur li kien akkumpanjat minn Anglu Baldacchino. Huma raw li David Monsigneur kellu feriti bid-demm u ghalhekk kien bix-xieraq li jcemplu ambulanza kif effettivament ghamlu. Ix-xhud qal li fis-siegha neqsin kwart ta' filghodu sabu lill-imputat barra d-dar tieghu u cioe' f'Misrah il-Bandli, Hal Luqa.

**PS 947 Adrian Paul Vella** xehed fit-28 ta' Lulju 2004 fejn jiftakar li fis-17 ta' Lulju 2004 ghal habta tas-siegha neqsin kwart ta' filghodu kienu gew infurmati mill-*control room* u minn persuna li f'Misrah iz-Zghazagh hdejn il-klabb tal-bocci kien hemm persuna li qed tiggieled ma' grupp ta' zghazagh. Huma accedew fuq il-post u raw lill-imputat odjern mimli demm. Huma ghajtu ambulanza u baghtuh l-isptar. Sussegwentement huma ghaddew messagg u huwa nforma lill-ispettur tieghu. Ix-xhud esebixxa

okkorrenza relattiva ta' dan l-incident li giet immarkata bhala Dok Z.

**Brian Farrugia** xehed fis-6 ta' Awissu 2004 fejn iddikjara li huwa kien gie mitlub jaghmel ricerka fuq il-vettura rigward jekk Antoine Monsigneur ghandux licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija qal li mir-ricerka li ghamel irrizulta li huwa inghata licenzja taht il-grupp B fit-13 ta' April 1995.

**Emanuel Debattista** xehed fis-17 ta' Jannar 2005 fejn gie mistoqsi biex jaghti l-informazzjoni li ghandu dwar vettura tal-ghamla Kia Clarus bin-numru ta' registrazzjoni TFD 594 u qal li din kienet inxtrat minghand Saviour Attard fis-16 ta' Gunju 1999 fuq *hire purchase agreement*. Din giet imhallsa fi Frar tas-sena elfejn (2000). Ix-xhud esebixxa dokument li juri li l-karozza giet imhallsa mill-bank. Dan id-dokument gie immarkat bhala Dok. Z.

**Is-Supretendent Raymond Vella Gregory** xehed fis-17 ta' Jannar 2005 fejn gie mistoqsi jekk sarx xi rapport minghand l-imputat odjern dwar serq ta' vettura qal li kien ircieva rapport datat 10 ta' Novembru 2000 rigward vettura Kia Clarus bin-numru ta' registrazzjoni TFD 594 u dan ir-rapport sar l-ghassa ta' Haz-Zabbar. Ir-rapport sar ghax il-vettura in kwistjoni kienet giet misruqa lilu. Sussegwentement kienet saret addenda f'dan l-istess rapport ghax il-vettura kienet instabet kif indikat fil-parti ahharija tar-rapport. Ir-rapport giet esebit u gie mmarkat bhala Dok. X.

**L-imputat** rega**'** xehed fil-11 ta' Lulju 2005 fejn esebixxa kuntratt redatt bejnu u bejn Jason Azzopardi li gie mmarkat bhala Dok. S. F'dan il-kuntratt hemm indikata l-karozza Kia TFD 594. L-imputat spjega li huwa ftihem il-prezz ta' Lm13,722 u kien hemm zewg xhieda li huma z-zewg nisa li kellu Jason Azzopardi u cioe' Joyce Cassar u Georgianne Farrugia. Il-kuntratt huwa datat 23 ta' April 2001. L-imputat esebixxa wkoll dokument mahrug mill-Easysell li gie mmarkat bhala Dok. T fejn jirrizulta li hemm settlement mahrug bejn Jason Azzopardi u Saviour Attard.

Huwa stqarr illi ma kienx jaf li meta karozza tkun TFD ifisser li d-dazju ma kienx ghadu mhallas u wara li huwa kien hallasha kollha kienu talbuh ihallas Lm5,000 ohra rapprezentanti dazju fuqha. Huwa ma xtaqx jaghmel dan ghax inkella l-karozza kienet ser tiswieh Lm18,000. Huwa sostna li hadd ma kien qallu li kellu jhallas dik is-somma flus. L-imputat esebixxa wkoll sensiela ta' kambjali li gew mmarkati bhala Dok. W fl-ammont ta' Lm6,000 li dawn harighom Jason Azzopardi u huma ffirmati minnu.

L-imputat spjega li kien ihallas il-bank ghall-ewwel il-kambjali izda mbaghad il-bank ma ppermettilux li jkompli jhallas il-pagament. Huwa kien ihallas Lm60 kull nhar ta' Tnejn. Meta kien ihallas il-bank BOV, tah account number u kien jaghmilhom hemmhekk. Huwa esebixxa kopja ta' dawn ukoll li gew immarkati bhala Dok. X. Ghalkemm il-vettura kienet ilha ghandu tliet snin l-insurance kienet tohrog f'isem Jason Azzopardi sakemm kien ghadu ma qataghhiex l-imputat. Wara l-insurance harget f'isem l-imputat. Huwa esebixxa kopja tal-insurance relattiva li l-Qorti immarkat bhala Dok. Q. Il-log book kien ghadu f'isem Saviour Attard. Huwa esebixxa wkoll dokument mahrug mill-insurance li gie mmarkat bhala Dok. P li kien gie moghti lilu meta ghamel it-trasferiment tal-vettura. L-imputat ezebixxa wkoll zewg insurances ohra li huma immarkati bhala Dok F u Dok G li huma mhallsin minnu f'isem Saviour Attard. L-imputat ezebixxa dokumentazzjoni li l-Qorti immarkat bhala Dok E li tindika l-hlasijiet li kienu jsiru fuq din il-vettura fl-ammont ta' Lm20,000 pero' l-imputat effettivament hallas Lm13,000 biss.

L-imputat jiftakar li darba minnhom il-karozza waqt li kienet fil-pussess tieghu kienet giet misruqa u spiccat go hajt u huwa ghamel rapport dwar dan. Dan ir-rapport gie ezebit u immarkat bhala Dok PS. Huwa ezebixxa wkoll zewg rapporti ohrajn li gew immarkati bhala Dok. PS1 u Dok. PS2 dwar zewg incidenti li kellu l-imputat bil-karozza. Dok. PS 3 huwa wkoll relatat mal-karozza. Dok. PS5 huwa dokument ezebit mill-imputat li jikkonsisti f'ittra mibghuta lilu minn Saviour Attard dwar in-necessita' li

jbiddel il-pedala tal-karozza sabiex id-dazju ma jithallasx fuqha.

Huwa spjega li dawn id-dokumenti li esebixxa kienu gew moghtija lilu minn Jason Azzopardi wara li hallsu. Huwa esebixxa wkoll kopja tal-logbook li gie mmarkat bhala Dok PS6 li huwa l-logbook tal-vettura in kwistjoni moghti lilu minn Jason Azzopardi bil-ghan li jaghmel it-transfer ghal fuqu. L-imputat spjega wkoll li s-surgent tal-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun kien qallu wkoll li l-pjanci li huwa kellu fil-flat tieghu Bugibba nstabu fuq karozza misjuqa minn Saviour Attard meta hu kien habat biha u halliha hemmhekk.

**L-imputat** rega' xehed fl-14 ta' Settembru 2005 fejn iddikjara li huwa kien gie avvicinat mis-surgent Costa mill-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun waqt li huwa kien mar jiffirma fejn qallu li Saviour Attard kellu l-pjanci tal-vettura tal-imputat u cioe' TFD 954 u wahhalhom fuq karozza ohra u habat biha u halliha f'nofs ta' triq. Is-Surgent qallu wkoll li l-karozza in kwistjoni kellha zewg logbooks, zewg insurances u erba' pjanci u filfatt sahansitra Attard kien irtira l-insurance tal-imputat. Sussegwentement wara li s-surgent iccekja fil-kompjuter sar jaf li din in-number plate tghajjat lill-vettura tieghu.

Huwa sostna li mbaghad kien gie misruq mill-flat, hadulu l-licenzja tieghu u hadulu wkoll xi dokumenti waqt li kien il-habs. L-imputat spjega li meta Ronnie Grima kien mar jaghmel rapport dwar dan, l-Ispettur Mercieca kien qallu biex imur l-imputat stess izda huwa ma setghax peress li kien qieghed taht arrest fil-habs u l-kwistjoni waqfet hemm. Dawn il-pjanci li nsterqu mill-flat kienu l-originali tal-karozza. Huwa kien nehha dawn il-pjanci meta l-karozza kienet giet towed u mehuda tal-Grazzja Garage u dan jista' jigi konfermat minn membru Tal-Grazzja.

**Saviour Attard** xehed in konro-ezami fit-12 ta' Ottubru 2005 fejn gie mistoqsi kif il-vettura in kwistjoni kienet spiccat ghand Jason Azzopardi wiegeb li l-karozza kellu jaghmlilha xi xoghol fuq il-pedala. Ghalhekk Jason Azzopardi ftiehem mieghu li jzommlu l-karozza u

jqabbadlu mekkanik biex jirrangaha. Pero' Azzopardi baqa' jittratjeni tant li kull meta kien imur jaraha kien dejjem isibha mghottija.

Ix-xhud cahad li d-dokumenti li ezebixxa l-imputat kien taghhomlu hu. Huwa kien halla d-dokumenti kollha f'idejn Jason Azzopardi biex ikollu x'juri f'kaz li jinqala' xi haga. Spjega li Jason Azzopardi jigi n-neputi tieghu. Huwa sostna li l-imputat kien qallu li xtara l-karozza minghand Azzopardi izda Jason Azzopardi cahad dan. Pero' l-karozza Jason ma urihiex, izda urihielu biss mghottija mill-bieb.

Huwa ma jafx ghalfejn l-insurance qieghda f'isem l-imputat. Jason Azzopardi qatt ma tah spjegazzjoni ghax lahaq miet. Huwa cahad li l-vettura kienet ilha ghand Jason ghal tliet snin. Din il-karozza kien isuqha l-imputat u filfatt habat biha. Jason kien qal lix-xhud li kera l-karozza lill-imputat, kien habat biha u spiccat Ta' Kandja. Ix-xhud kien mar flimkien mal-imputat biex harigha minn hemm. Huwa stqarr illi kien iggieled ma' Jason Azzopardi meta kienu wahedhom. Ix-xhud kien tah il-logbook tal-vettura liema vettura kienet tghajjat lilu.

Ix-xhud iddikjara li huwa qatt ma ta Dokument C mahrug mill-Easysell lill-imputat.

**Manuel Debattista** rega' xehed fis-17 ta' Lulju 2006 fejn iddikjara li huwa kien gie mitlub sabiex jaghmel ricerka fuq il-vettura tal-ghamla Kia Clarus. Huwa tenna li din kienet inxtrat minn Saviour Attard f'Gunju 1999. Ix-xhud gie muri dokument ezebit fl-atti li hu mmarkat bhala Dok. C u qal li l-kitba li hemm fuq dan id-dokument mhix il-kitba tieghu. Filfatt din il-kitba tidher li hija ta' Anthony Fenech. Huwa sostna li ma jistax jikkonferma l-kitba ta' haddiehor.

**Anthony Fenech** xehed fit-22 ta' Dicembru 2006 fejn iddikjara li huwa kien gie mitlub biex jaghmel ricerka fuq vettura tal-ghamla Kia Clarus bin-numru TFD 594. Huwa qal li huma kienu bieghuha lil Saviour Attard ta' 22, Flat 3, Triq il-Foss, Vittoriosa fis-16 ta' Gunju 1999. Ix-xhud gie muri dokument esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok T u

spjega li dak li hemm miktub bil-biro fid-dokument ma jidholx fih u ma jaf xejn dwarhom. Dan id-dokument gie mahrug minnhom stess lis-sid Saviour Attard meta effettivament gew imhallsin minnu u huwa l-*cancellation form* li kienu hargu meta l-karozza kienet imhallsa minn Saviour Attard. Ix-xhud tenna li huwa jigi d-direttur ta' Easysell. Huwa ma jafx lill-klijenti kollha b'mod personali. Mistoqsi jekk jafx lill-imputat odjern wiegeb li ma jafux.

**Saviour Attard** rega' xehed fit-18 ta' Dicembru 2007 fejn spjega li huwa qatt ma messx l-alteration tal-pedala fil-karozza. Mistoqsi kemm ghadda zmien minn meta xtraha sakemm ghaddiha lil Jason Azzopardi wiegeb li ma jafx. Huwa kemm poggiha fil-garaxx ta' Jason Azzopardi li huwa n-neputi tieghu u kien jaf biha. Jekk mhux sejjer zball kienet ghaddiet xi sena minn meta xtraha sakemm igaraxxjaha. Huwa stqarr illi zammha fil-garaxx biex jipprova jirranga l-pedala. Il-karozza xtraha fis-16 ta' Gunju 1999 u hadha ghand Jason xi sena wara. Huwa kien pogga l-vetura fil-garaxx ta' Jason go rokna u kien ghalhekk li l-karozza ghamlet zmien twil minghajr pedala ghax ma kellux flus biex jirrangaha. Huwa zammha fil-garaxx sakemm ikollu flus bizzejjed biex jaghmel l-*alteration*.

Ix-xhud ikkonferma li Jason kien tah Lm800. Huwa kien issellef xi flus minghandu bil-ftehim li jiehu l-karozza lura meta jhallsu. Meta x-xhud effettivament hallsu, il-karozza ma sabhiex. Huwa sostna li qatt ma tah dritt lil Jason biex isuqha. Filfatt kienet gietu nformazzjoni li l-karozza ntlaqtet f'Wied il-Ghajn u mar jiccekja hemmhekk. Ix-xhud tenna li qabel il-karozza kienet ittiehdet ghand Tal-Grazzja. Il-vettura kienet involuta f'incident iehor pero' ma jafx min kien qed isuqha dakinhar.

Ix-xhud iddikjara li huwa qatt ma' ltaqa' mal-imputat qabel ma kissirlu l-karozza Hal Far. Huwa ma kienx ghamel rapporti li l-vettura nsterqet jew li nstaqet kontra r-rieda tieghu. Huwa jaf li Jason kien tkellem ma' xi spettur tar-Rabat dwar l-incident. Jaf ukoll illi Jason kien diga' mejjet meta l-karozza spiccat ghand Tal-Grazzja. Huwa ma setghax jidhol fil-garaxx ta' Jason meta miet ghax l-

affarijiet kienu mizmuma u hadd ma seta' jidhol. Sussegwentement il-Pulizija qalulu biex iqabbad avukat privat u huwa hekk ghamel. Huwa filfatt kien talab lil Dr Jason Azzopardi u dahal Dr Busietta ghal kawza civili. Ix-xhud ipprometta li jgib is-sentenza fis-seduta li jmiss li nghatat mill-Imhallef Tonio Mallia. Huwa m'ghandux kawzi civili ohrajn illum il-gurnata. Huwa sostna li ghamel il-kawza mhux biex jigi dikjarat li huwa sid il-karozza imma biex ikollu d-dritt jigborha minghand it-tellar. Filfatt huwa m'ghamilx kawza ghad-danni.

**L-ex-surgent Costa** xehed fl-10 ta' Marzu 2009 fejn gie mistoqsi jekk jafx lill-imputat qal li jafu ghax iltaqa' mieghu waqt li huwa kien surgent fil-Korp. Fil-fatt illum huwa rtirat. Huwa kien ghamel zmien twil surgent l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun.

Mistoqsi jekk jiftakarx li kien hemm xi incident fejn kien hemm karozza mahbuta proprjeta' ta' David Monsigneur u li kien hu li nforma lil David Monsigneur wiegeb li le ma jiftakarx. Huwa iddikjara li ma jiftakar xejn dwar dan l-incident. Ix-xhud ma jiftakarx li kien hemm xi karozza ohra li kien hemm il-pjanci ta' David Monsigneur fuqha. Huwa jaf li darba Monsigneur kien l-ghassa u qal li kellu l-karozza ghat-tiswija izda ma jiftakar xejn aktar. Ix-xhud kien wiegbu li jekk il-karozza hija tieghu kellu jaqbad in-number plates u jmur ikellem avukat. L-imputat kien qallu li kien hemm xi hadd li kien allega li l-karozza tieghu tappartjeni lilu u kien ghalhekk li wiegbu biex jaqbad in-number plates u jmur ikellem avukat. Pero' din ma kinitx kwistjoni ta' rapport ghax huwa kien l-ghassa fuq xi haga ohra.

Rat illi fid-19 ta' Mejju 2009 l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Priscilla Caruana esebiet tmien rapporti li kien ghamel l-imputat mis-snin 1999 sa 2002.

Rat illi fil-verbal tal-21 ta' Marzu 2013 l-imputat iddikjara li fis-seduta tal-5 ta' Frar 2013 huwa accetta li l-karozza Kia Clarus mertu ta' din il-kawza tigi rilaxxjata a favur ta' Saviour Attard peress illi qabel is-seduta l-istess Saviour Attard wasal fi ftehim mieghu fis-sens li Saviour Attard

ihallas lil David Monsigneur l-ammont ekwivalenti ghal hamest elef Lira (Lm5,000) dment li l-istess David Monsigneur jaccetta li l-karozza Kia Clarus tigi rilaxxjata favur Saviour Attard.

Ikkunsidrat.

Illi qabel ma l-Qorti sejra tidhol u tiddiskuti l-kaz in desamina thoss li ghandha taghti succinct tal-proceduri odjerni u tispjega ‘l ghaliex din il-kawza damet ma tigi deciza ghal hdax-il sena u dan bil-ghan li jigi sottolinejat li d-dewmien gie kawza kemm min naha tal-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza u li l-Qorti m’ghandiex x’tahti. Jinghad u dan qed jinghad sabiex il-Qorti tindirizza il-publiku li f’dan il-kaz l-amminsitrazzjoni tal-Qorti m’ghandha l-ebda tort f’dan id-dewmien.

1. L-imputat tressaq il-Qorti taht arrest nhar it-12 ta’ Marzu 2002 ghalkemm kienet wahda sommarja stante li l-kunsens tal-avukat generali gie prezentat fil-prezentata u l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema’ sommarjament.
2. Illi l-prosekuzzjoni baqghet ghaddejja bil-provi taghha sas-7 ta’ Frar 2005 (fol. 228) meta f’dik il-jum il-kawza giet differita ghall-provi tad-difiza.
3. Illi bejn is-7 ta’ Frar 2005 u l-11 ta’ Lulju 2005 id-difiza ma resqet l-ebda provi u ghalkemm il-Qorti zammet diversi seduti f’dan il-perijodu jew l-imputat kien indispost, jew ma dehritx il-prosekuzzjoni, jew ma dehritx id-difiza jew l-imputat ma kienx notifikat.
4. Illi ghalhekk id-difiza bdiet bil-provi taghha fil-11 ta’ Lulju 2005 u baqghet tittratjeni sas-26 ta’ Novembru 2009. Jinghad li f’dan il-perijodu d-difiza resqet il-provi taghha bil-lajma u kien hemm diversi seduti meta d-difiza u/jew il-prosekuzzjoni ma dehritx u diversi seduti meta l-imputat lanqas biss gie notifikat u dan minkejja li kien qieghed jiskonta sentenza ta’ habs u kien residenti fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.
5. Jinghad li f’din il-kawza kien hemm diversi ufficcjali tal-prosekuzzjoni u ghalhekk ftit li xejn kien hemm kontinwita’ u fis-26 ta’ Novembru 2009 il-kawza giet diferita Sine Die minhabba nuqqas ta’ interess.

6. Illi fil-5 ta' Novembru 2012 l-parte civili ipprezentat rikors sabiex tirtira mill-atti il-vettura esebita u l-Qorti irrikjamat il-kawza ghal nhar il-15 ta' Novembru 2012.
7. Minn dak inhar il-quddiem id-difiza kompliet bil-provi taghha u kien biss fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013 li l-partijiet trattaw il-kawza u b'digriet ta' din il-Qorti il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 23 ta' April 2013.

**Kunsiderazzjonijiet legali.**

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubbju regjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

F'dan l-istadju, l-Qorti sejra taghmel referenza ghal diversi sentenzi u awturi rilevanti ghal kaz odjern.

Issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Peter Ebejer'**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller v Minister of Pension**' - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt*.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence, 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa (5) ta’ Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija v Joseph Gauci et’,** fejn gie ritenut li:

*“Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics.”*

Fil-kawza fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker’** (Qorti tal- Appell Kriminali - deciza fid-dsatax (19) ta’ Mejju, 1997) gie ritenut illi:

*“it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.”*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*“il cosi’ detto onero della prova, cioe’ il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit”.*

Issa l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha (9) ta’ Settembru 2002 fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara’** fejn spjegat x’jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b’zewg verzjonijiet konfliggenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe’ jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandha tillibera, jew jekk dan ikun moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor.

Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija '*on a balance of probabilities'* u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Fil-fatt kif provdut fl-artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Joseph Thorne'** tad-9 ta' Lulju 2003, "mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-**artikolu 637** tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux" Ara wkoll Appell Kriminali **The Police v. Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjata ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet l-process tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'posizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li kienet hi stess li kkonstatathom u x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi l-Prosekuzzjoni f'din il-kawza qed tallega li l-imputat fit-12 ta' Marzu 2002 f'Hal Far ghal habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu waqt li kien f'Tal-Grazzja Garaxx volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe' karozza No TFD 594 tal-ghamla Kia Clarus, kif ukoll Towtruck No MET 002, liema hsara tammonta ghal aktar minn elf lira Maltin ghad-dannu ta' Saviour Attard, ir-Registratur tal-Qorti ta' Malta, u persuni ohra.

Filwaqt li l-imputat qed jinnega dan kollu u jghid li dak li ghamel u cioe' il-hsara volontarja huwa ghamilha fil-

vettura tieghu tal-ghamla Kia Clarus numru ta’ registrazzjoni TFD 594 li kien xtara minghand Jason Azzopardi li jigi in-neputi ta’ l-istess Saviour Attard. Ghalhekk kollox jiddependi fuq il-kredibilita’ tax-xhieda, liema hija il-versjoni koretta u dan hu proprju l-ezercizzju li trid taghmel din il-Qorti. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi kollha migbura u thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew l-imputat qed jghid l-verita’ jew mhux. Pero’ fic-cirkostanzi kif inhuma u kif jirrizultaw fil-process biex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-imputat mhux hati tad-delitt imputat lilu, trid wkoll tasal ghal konkluzzjoni li kien hemm fil-kaz u fil-konfront tieghu speci ta' kongura minn persuna biex taddebitalu delitt li ma kkommettiex.

Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar ‘l fuq li fl-artikolu 638(2) tal-Kap 9 x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita’. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero’ hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija v Joseph Lee Borg’,** fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe’ mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu imressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista’ torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt

kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Carmelo Busuttil'**,

"*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Il-Qorti ghalhekk ghandha taghmel apprezzament tal-fatti fl-isfond tas-suespost.

Ikkunsidrat ulterjorment.

Illi l-prosekuzzjoni ipprovat ghas-sodisafazzjon tal-Qorti u dwar dan ma jirrizultax li hemm xi kontestazzjoni li effettivament nhar it-12 ta' Marzu 2002 waqt li l-vettura tal-ghamla Kia Clarus numru ta' registrazzjoni TFD 594 l-imputat ikkaguna diversi danni voluntarji fuqha kif deskritti minn diversi xhieda aktar 'l fuq, pero' dak li hu kontestat huwa li l-imputat jsostni li l-vettura in kwisjtoni hija proprjeta' tieghu waqt li l-parte civile Saviour Attard jighid li l-vettura hija proprjeta' tieghu. Ghalhekk dan huwa principalment dak li ghandu jigi deciz minn din il-Qorti dwar jekk l-imputat kellux l-intenzjoni rikjesta mill-ligi penali li jikkaguna hsara volontarja fuq proprjeta' ta' terzi jew jekk kienx genwinament jemmen li l-vettura li huwa gharraq kienet proprjeta' tieghu.

Saviour Attard esebixxa il-kuntratt ta' akkwist li huwa kien ghamel mas-socjeta' Easy Sell f'Gunju u fl-atti hemm esebit ukoll prova dokumentarja li tindika li effettivament l-vettura kienet giet imhalsa minnu kif del resto jirrizulta mill-*cancellation form* li s-socjeta' Easysell kienet harget meta l-karozza kienet giet imhallsa minn Saviour Attard. Jirrizulta wkoll u mhux kontestat li Saviour Attard kien halla l-vettura tieghu ggaraxxjata ghand in-neputi tieghu Jason Azzopardi ghal certu zmien ghaliex jghid li kien issellef xi flus minghandu u bhala garanzija kien halliha ghandu. Jghid ukoll li f'dan il-perijodu li l-vettura allegatament tieghu kienet qed tinzamm ghand Jason Azzopardi, din il-vettura kienet qed tigi misjuqa mill-imputat. Jghid li dan jafu di *scienza proprja* ghaliex gieli rah biha u gieli sahansitra anke rapport ghand il-pulizija

kien hemm. F'dan is-sens li l-imputat kien bil-vettura in kwistjoni. Saviour Attard jghid li kien rebah kawza quddiem il-Qorti Prim'Awla fejn inghata permess minghandha sabiex jkun jista' jigbor il-vettura mertu tal-kawza pero' din is-sentenza qatt ma giet esebita fl-atti u ghalhekk xi tghid dik il-Qorti, din il-Qorti ma tistax tikkummenta ghaliex ma ghandhiex konjizzjoni taghha.

Jirrizulta almenu a bazi ta' probabilita li effettivament dan Jason Azzopardi verament kien biegh il-vettura lill-imputat u dan minhabba diversi indizzji li jirrizultaw mill-atti.

1. Ix-xhieda guramentata tal-imputat li tikkonferma dak li effettivament kien qal lill-ufficcjal prosekutur meta irrilaxxja l-istqarrija tieghu a tempo vergine tal-investigazzjoni nhar it-12 ta' Marzu 2002, Dok NF esebit fl-atti a fol. 23 u kif konfermat minnu lid-diversi xhieda li xehdu f'dawn l-atti. Jirrizulta ukoll li fl-atti a fol. 242 immarkat bhala Dok S hemm l-kuntratt li kien sar bejn Jason Azzopardi u l-imputat nhar it-23 ta' April 2001 li permezz tieghu kien sar il-bejgh tal-vettura in desamina.
2. Id-diversi dokumenti bankarji esebiti a fol 251 li jindikaw l-pagamenti mensili li kien jaghmel l-imputat lil Jason Azzopardi u dan fil-perijodu meta kien xtara il-vettura.
3. Jirrizulta li fl-atti l-imputat esebixxa ukoll numru kbir ta' kambjali a fol. 252 li mahruga a favur Jason Azzopardi fejn huwa kien id-debitur tieghu li kollha gew imhalsa.
4. Statement dettaljat immarkat bhala Dok E a fol. 254 li jindika l-ftehim li kien hemm bejn Jason Azzopardi u l-imputat dwar il-bejgh tal-vettura avvera ruhu tant li hemm indkat id-diversi pagamenti li saru in adempiment mal-ftehim taghhom.
5. Id-dikjarazzjoni ta' Jason Azzopardi a fol. 261 datata 15 ta' Ottubru 2001 fejn iddikjara li kien hallas ghas-saldu tal-vettura li kien biegh lill-imputat u li kien ghad fadal biss li jsir it-transfer relattiv.
6. Jirrizulta skond id-dokument esebit mill-imputat a fol. 249 immarkat bhala Dok T hemm ricevuta mahruga mis-socjeta' Easysell fejn hemm miktub li il-hlas kollu rigward il-vettura registrata fuq isem Saviour Attard gie saldat ghas-saldu u in oltre hemm miktub li din il-vettura

giet imhalsa kollha minn Jason Azzopardi u li l-Managing Director iddikjara ulterjorment fuq dan id-dokument li Jason Azzopardi gie mgharraf li ma kien hemm l-ebda pendenza ulterjuri f dan ir-rigward.

7. Il-fatt li diversi xhieda fostom il-parte civile jghidu li raw lill-imputat isuq il-vettura ghal zmien konsiderevoli u fil-fatt Attard qatt ma waqfu jew talabhielu (vide ix-xhieda ta' Saviour Attard tat-2 ta' April 2002 fol 62 ta' l-atti u vide x-xhieda ta' Penelope Borg a fol. 10 li tghid li kienet mal-imputat meta hadu l-vettura Clarus ghand Tal-Grazzja Garage, Brian Vella meta xehed nhar is-27 ta' Marzu 2003 fol. 16 li jikkonferma li kien l-imputat li ha l-vettura mertu tal-kawza ghandhom sabiex tissewwa stante xi hsara li kellha).

8. Il-konferma li l-vettura giet mehuda fil-garage Tal-Grazzja mill-imputat stess u meta l-marixxal tal-Qorti cempel lil Tal-Grazzja Garage dwar il-Mandat ta' Qbid li kellu fuq il-vettura, id-dirigenti tal-Garage hassew il-htiega li jcemplu lill-imputat sabiex jgharrfuh dwar dan (vide ix-xhieda ta' Marlene Vella bint sid il-Grazzja tal-Garage a fol. 51).

9. Il-fatt li huwa hallas l-insurance fuq il-vettura ghal diversi snin ghalkemm huwa veru li dan ghamlu fuq isem Saviour Attard (vide id-diversi ricevuti mahruga mis-socjeta' SMS Insurance Agency Ltd esebiti a fol 250 mill-imputat stess nhar il-11 ta' Lulju 2005). Ghalkemm l-imputat spejga li hallas l-insurance policies f'isem terz sabiex jipposponi li jaghmel it-transfer tal-vettura u dan bil-ghan li jiffranka jhallas id-dazju ghaliex il-vettura ma kellhiex id-dazju taghha imhallas. Jirrizulta wkoll mid-dokumenti markata bhala Dok PS 6 esebita a fol. 284 u 285 li hallas ukoll ir-road license fuq il-vettura in kwistjoni dejjem fuq isem Saviour Attard ghalkemm skond id-dokumentazzjoni l-bejgh taghha kien sar.

10. Id-diversi rapporti li saru mill-imputat fl-Ghasses tal-Pulizija ta' Haz Zabbar u tal-Hamrun fejn il-vettura kienet involuta f'incident u sahansitra anke misruqa waqt li kienet fil-pussess tal-imputat fejn fuq dawn l-incidenti saru rapporti mal-pulizija (vide xhieda tas-Supretendent Vella Gregory nhar is-17 ta' Jannar 2005 a fol. 218, l-okkorenza esebita a fol. 220 markata bhala Dok X u l-okkorenzi esebiti mill-imputat stess datati 13 ta' April 2001 markata

bhala Dok PS esebita a fol 268 ta' l-atti, l-okkorenza datata 21 ta' April 2001 esebita a fol. 270 immarkata bhala Dok PS 1, l-okkorenza datata 6 ta' Novembru 2000 esebita a fol. 274 markata bhala Dok PS 2, l-okkorrenza datata 29 ta' Ottubru 2001 esebita a fol. 277 immarkata bhala Dok PS3, l-okkorrenza datata 10 ta' Novembru 2000 esebita a fol. 280 immarkata bhala Dok PS4.

11. Il-fatt li l-log book tal-vettura kif esebit fl-atti a fol 250 kien jinsab f'idejn l-imputat.

12. Il-fatt li ghalkemm il-kawza damet pendenti il-Qorti ghal aktar minn ghaxar snin, il-parte civile qatt ma ipprezentat kawza civili sabiex jigi dikjarat civilment li Saviour Attard hu sid il-vettura.

Il-pProsekuzzjoni fl-ebda hin ma pprovat ixxejjel il-provi dokumentarji imresqa mill-imputat. Resqet biss bhala xhud lil Saviour Attard li kkonferma li kien hu li xtara il-vettura Kia Clarus TFD 594 minghand l-Easy Sell f'Gunju 1999. Fil-fatt dan il-fatt mhux kontestat mill-imputat.

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Parctice** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **<u>Teper v R</u>** (1952) jghid:

"*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from*

*circumstantial evidence to be sure taht there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.*"

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Emanuel Seisun**'.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Lee Borg**' fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat, u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu il-hati u li l-provi li jigu imressqa jkunu nkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Carmelo Busuttil et'** nhar fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*,* kien intqal li:

"*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova, talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti taqbel mad-difiza meta qalet li ghal kull reat kriminali irid ikun hemm *l-mens rea* u *l-actus reus* flimkien u r-reat jissusisti biss meta jikkonkorru *l-mens rea* u *l-actus reus.*

Issa fid-dawl tal-indizji fuq identifikati, li fil-fehma tal-Qorti huma indizji univoci, l-imputat kellu ragun jahseb li l-vettura kienet proprjeta' tieghu u li ma kienx qed jaghmel hsara lil xi proprjeta' ta' terzi, ghalhekk l-akkuza tal-hsara volontarja fuq din il-vettura tal-ghamla Kia Clarus numru ta' Registrazzjoni TFD 594 ma tirrizultax provata. B'dan pero' il-Qorti mhix qed taghmel l-ebda dikjarazzjoni ta' min

effettivament tappartjeni il-vettura ghaliex din hija kwistjoni civili li tispetta lil dik il-Qorti tiddeciedi una volta tigi hekk mistoqsija.

L-imputat gie wkoll akkuzat talli ikkaguna hsara volontarja fuq Tow truck No MET 002. Illi mill-atti ghalkemm ma jirrizultax mix-xhieda li ta r-rapprezentant Brian Farrugia li xehed ghan-nom u fl-interess ta’ Malta Transport lil min tapparjeni l-vettura MET 002, mix-xhieda ta’ Johnny Camilleri jirrizulta li dan it-trakk huwa proprjeta’ tieghu. Illi jirrizulta mix-xhieda ta’ John Vella li xehed nhar it-3 ta’ Frar 2003 li meta kien bit-tow truck (minghajr ma indika liema tow truck) kien mar l-imputat bil-vettura skoda u baqa’ diehel fil-vettura Kia Clarus waqt li kienet mghollija bit-tow truck u dan f’zewg okkazjonijiet pero’ jghid ukoll li l-imputat ghamel ukoll hsara “fit-trakk tal-imghallem tieghu” (fol. 154). Illi mill-istima esebita minn Johnny Camilleri a fol 60, immarkata bhala Dok CA1 jirrizulta li l-vettura in kwistjoni kellha hsarat li jammontaw ghal tlett mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm320). Ghaldaqstant din l-akkuza tirrizulta provata b’mod sodisfacenti.

Jibqa’ biss l-akkuza ta’ theddid. Il-Prosekuzzjoni iccitat bhala artikolu tal-akkuza bhal dak tal-Artikolu 249 (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta pero’ bir-rispett kollu dan ir-reat kif hemm imfisser ma japplikax ghall-kaz in ezami u dan ghaliex japplika ghal dawk il-kazijiet fejn it-theddid isir bil-kitba li zgur li mhux il-kaz u ghalhekk zgur li din l-akkuza ma tirrizultax provata.

In vista tal-fatt li din il-Qorti mhix qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu, ma tistax issibu hati tal-akkuza ta’ recidiva jew li kiser xi kundizzjoni moghtija lilu permezz ta’ ordni ta’ probation.

**Ghadaqstant din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 339 (1) (e) u 325(a) tal-Kapitolu 9, u l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li mhux qed issib lill-imputat ANTOINE (SIVE DAVID) MONSIGNEUR hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu, salv ghall-akkuza ta’ hsara volontarja fuq il-vettura MET 002 u filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra**

**kollha, issibu hati ta' din l-akkuza ta' hsara volontarja u tikkundannah multa ta' hames mitt Ewro (€500).**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------